VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,341, 7 ta' Novembru, 2014
Taqsima B

A.L. 399 tal-2014

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar i1-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għall-Enerġija u għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta1-2014 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda". Kap. 464.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2014.

Jemenda t-Tielet Skeda.

2. Fit-Tielet Skeda minnufih wara l-kliem " – Xjenza Medika fil-Laboratorju" għandu jiżdied dan li ġej:-

"– Fiżiċisti Mediċi

– Terapisti ta' Nutriment".